# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Tlieta u Għoxrin (23) ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru 564/2016 FDP**

Fl-ismijiet

**Avv. Dr. Sarah Sultana (K.I. 12581M) bħala Mandatarja speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Homeline SRL, u permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Ġunju 2022, Maurizio Cavalieri assuma r-rappreżentanza tas-soċjeta' estera Homeline SRL flok Dr Sarah Sultana**

**Vs**

**Nutar Andre Farrugia (K.I.120679M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Lulju 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti Homeline Srl, li hija bbażata ġewwa Ragusa, Sqallija, tiġġestixxi negozju ta' arredamenti u home interiors ta' kull tip;*

    2. *Illi oriġinarjament is-soċjeta' rikorrenti kienet tikkollabora mas-soċjeta' Maltija ta' l-għamara magħrufa bħala Blue Sly Furniture Ltd., u tramite din l-istess soċjeta' Maltija, is-soċjeta' rikorrenti ġiet mqabbda tagħmel xi xogħol ta' realizzazzjoni u muntaġġ ta' arredamenti għall-intimat, fosthom kċina kif ukoll arredamenti għal appartament ta' l-istess intimat ġewwa l-Belt Valletta;*

3. *Illi wara illi l-istess intimat kien ra il-kwalita tax-xogħol kif ukoll is-servizz mogħti lilu mis-soċjeta' rikorrenti, f'Settembru tas-sena 2014 l-intimat qabbad lis-soċjeta' rikorrenti direttament sabiex isiru arredamenti u home interiors ġewwa l-villa tiegħu f'Madliena.*

4. *Illi f'Settembru 2014, sar kuntratt bejn il-partijiet għall-ewwel merkanzija mibjugħa lill-intimat mis-soċjeta' rikorrenti, iżda wara Settembru 2014, u senjatament f'Novembru 2014, Marzu 2015, Awwissu 2015, Settembru 2015 u Ottubru 2015,l-intimat baqa' jordna u jixtri aktar arredamenti u home interiors mingħand is-soċjeta' rikorrenti fir-rigward ta' liema ma sar l-ebda kuntratt in vista tar-rapport li kien ilu stabbilit bejn il-partijiet. Fil-frattemp l-intimat kien qiegħed jagħmel pagamenti akkont tal-prezzijiet finali mogħtija lilu mis-soċjeta' rikorrenti u maqbula bejn il-partijiet;*

5. *Illi f'Ottubru 2015, kien għad fadal pendenza ta' €41,936.46 (inkluż it-taxxa tal-VA.T. bir-rata applikabbli l-Italja ta' 22%) dovuti fuq l-fornitura, konsenja u muntaġġ ta' arredamenti li kienu ġew ordnati bejn Settembru 2014 u Marzu 2015, għal liema somma l-invoices relattivi nħarġu mis-soċjeta' rikorrenti f'Ottubru 2015 u ntbagħtu lill-intimat;*

6. *Illi fil-frattemp għal dak li jirrigwarda l-ordnijiet magħmula bejn Awwissu 2015 u Ottubru 2015 mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti, kien hemm is-somma ulterjuri ta' €7,020.00 (inkluż it-taxxa tal-V.A.T. bir-rata applikabbli l-Italja ta' 22%) dovuta fuq l-istess ordnijiet, liema somma s-soċjeta' rikorrenti kienet qed teżiġi illi titħallas kompletament mill-ewwel qabel il-konsenja u dana stante li kien għad fadal il-bilanċ sostanzjali ta' €41,936.46 li kien għadu ma tħallasx mill-intimat nonostante illi x-xogħol li għalih jirreferu l-invoices in kwistjoni kien ġie konkluż, u s-soċjeta' rikorrenti ma setgħetx tkompli toħroġ flus mill-but mingħajr ma titħallas tiegħu. Din ir-rikjesta ma ġietx aċċettata mill-intimat, u l-ordnijiet magħmula mill-istess intimat għal din is-somma baqgħu ma gewx konsenjati iżda għadhom miżmuma mis-soċjeta' rikorrenti fl-istores tagħhom;*

7. *Illi sal-ġurnata tal-lum nonostante diversi interpellanzi bejn il-partijiet, għad fadal bilanċ x'jitħallas mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' €48,956.46 (inkluż it-taxxa tal-V.AT. bir-rata applikabbli l-Italja ta' 22%);*

8. *Illi għalhekk kellha tiġi istitwita din il-kawża;*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex għar-raġunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex prevja kwalsiasi provvediment jew dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Nutar Andre Farrugia huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti estera Homeline Srl fis-somma ta' tmienja u*

*erbgħin elf, disgħa mija sitta u ħamsin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€48,956.46) rappreżentanti bilanċ dovut għal merkanzija konsistenenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess intimat mingħand is-soċjeta' attriċi;*

2. *Konsegwentement tordna lill-istess intimat sabiex fi żmien perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-istess Qorti jħallas lis-soċjeta' rikorrenti Homeline srl. is-somma ta' tmienja u erbgħin elf, disgħa mija sitta u ħamsin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€48,956.46) rappreżentanti bilanċ dovut għal merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess intimat mingħand is-soċjeta' attriċi;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fit-22 ta' Ġunju 2016 mis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimat li jġib in-numru 940/2016, kif ukoll l-imgħax bl-ogħla rata permissibbli bil-liġi kontra l-intimat illi huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-12 ta' Awissu 2016 l-intimat Nutar Andre Farrugia irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat m'għandu jagħti xejn lill-atturi skond ftehim minnhom raġġunt bi prezzijiet hemm indikati liema kopja qiegħda tiġi hawn annessa bħala dokument AF1, AF2, AF3, AF6 u AF 7*

2. *Illi x-xogħolijiet interkorsi mill-atturi lil konvenut fil-fond Razzett San Pawl, Triq is-Sebħ, Madliena huma kollha mħallsa skond il-ftehim raġġunt minkejja illi x-xogħolkijet li ġew interkorsi ma sarux skond is-sengħa u l-arti u wħud minnhom għadhom ma ġewx konsenjati.*

3. *Illi huwa ben not fil-ġurisprdenza u fil-liġi li prezzijiet mogħtija mill-fornitur attur kellhom jinkludu fihom il-VAT u mhux jiżdied il-VAT oltre l-prezz ta' dak mifitiehem u dan sakemm ma jingħadx xorta oħra fit-tali iskrittura.*

4. *Illi effettivament l-invoices SS2 datati Ottubru 2015 inħarġu wara li saru l-pagamenti kollha dovuti mill-intimat skond kif rikjest mill-attur u miftiehem bejn l-intimat u l-attur.*

5. *Illi kif jirriżulta mid-dokument AF4 u AF5 il-pagament magħmul mill-intimat skond kif rikjest mill-istess attur ġew pagati a saldo kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi.*

6. *Illi minkejja li l-pagamenti dejjem saru a saldo kif fuq ingħad il-prezz għandu dejjem ikun dak indikat mill-attur u mhux jippretendi oltre l-prezz miftiehem pagament ieħor ta' 22% fuq il-prezz miftiehem.*

7. *Illi minkejja dan mhux l-oġġetti kollha mibjugħa mill-attur u mixtrija mill-intimat ġew fornuti lill-intimat bħal fost affarijiet oħra: pagament ta' għoxrin metru parquet li mhux utilizzat; żewġ blinds ta' gazebo; diffetti fil-gazebo; persjani miksura; hinges tal-persiani; xkaffef neqsin fil-gwardarobba u fil-walk in wardrobe; kummissjoni tal-blinds interni; difetti fid-decking; tqegħid ta' injam inferjuri minn dak miftiehem fid-decking u differenti minn ieħor imqiegħed fl-istess żona; serratura nieqsa f'bieb intern; siġġijiet esterni konsenjati miksura.*

8. *Illi dawn l-oġġetti minkejja li ġew imħallsa mill-intimat lill-attur għadhom ma ġewx fornuti u/jew imwaħħla lilu kif jirriżulta minn korrispondenza bejn l-istess intimat u s-subkuntratturi li ssuplixxew uħud minn dawn l-oġġetti lill-attur u li jikkonfermaw minn naħa tagħhom li l-attur minkejja li rċieva l-flus min għand l-intimat ma ħallasx lis-subkuntratturi u għalhekk dawn ta' l-aħħar ma jridux jikkonsenjawlu jew iwaħħlu jew jirranġaw dawn l-oġġetti mixtrija u pagati.*

9. *Illi konsegwentement huwa m'għandu jgħati xejn lis-soċjeta' attriċi imma se mai hija s-soċjeta' attriċi li hija debitriċi tiegħu ta' xogħol esegwit ħażin u/jew ta' nuqqas ta' fornitura ta' uħud mill-oġġetti u b'kontro talba l-intimat rikonvenzjonant qed jitlob ir-riżarċiment tad-danni tax-xogħol ħażin esegwit mill-attur fil-fond tiegħu.*

10. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

3. Rat illi fit-12 ta' Awissu 2016, l-intimat Nutar Andre Farrugia ippreżenta kontro-talba fejn talab is-segwenti:

   1. *Illi huwa kien xtara mingħand is-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata Homeline srl diversi oġġetti biex jiġu fornuti u supliti fid-dar Razzett San Pawl, Triq is-Sebħ, Madliena skond ftehim raġġunt bejn il-partijiet dokument AF1 sa AF3 u AF 6 u AF7.*

   2. *Illi dawn l-oġġetti fornuti u konsenjati fil-maggior parti tagħhom ġew montati fil-fond in kwistjoni wħud mhux skond is-sengħa u l-arti bħal per eżempju pagament ta' għoxrin metru parquet li mhux utilizzat; żewġ blinds ta' gazebo; diffetti fil-gazebo; persjani miksura; hinges tal-persiani; xkaffef neqsin fil-gwardarobba u fil-walk in wardrobe; kummissjoni tal-blinds interni; difetti fid-decking; tqegħid ta' injam inferjuri minn dak miftiehem fid-decking u different minn ieħor imqiegħed fl-istess żona; serratura nieqsa f'bieb intern; siġġijiet esterni konsenjati miksura.*

   3. *Illi l-intimat rikonvenzjonant ħallas lill-attriċi rikonvenzjonata l-ammont kollhu dovut a saldu (vide Dokument AF4 u AF5) minkejja illi x-xogħolijiet għadhom ma tlestewx skond is-sengħa u l-arti.*

4. *Illi l-intimat interpella lill-attriċi rikonvenzjonata biex jikkonsenjalu l-oġġetti li għadhom mhux supliti kif ukoll biex issewwielu u jirriparalu l-oġġetti mwaħħla u supliti mhux skond is-sengħa u l-arti.*

5. *Illi minkejja dan l-attriċi rikonvenzjonata baqa' inadepjenti.*

6. *Tgħid l-attriċi rikonvenzjonata għaliex din il-Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi;*

    1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi x-xogħolijiet interkorsi mill-attriċi rikonvenzjonata fil-fond Razzett San Pawl, Triq is-Sebħ, Madliena tal-intimat rikonvenzjonant ma sarux kollha skond is- sengħa u l-arti u ma ġewx kollha supliti lill-intimat rikonvenzjonant.*

    2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attriċi rikonvenzjonata għandha teżegwexxi dawn ix-xogħolijiet u tissuplixxi kull ma għadu ma ġiex supplit skond is-sengħa u l-arti lill-intimat rikonvenzjonant u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha ffissat minn din il-Qorti.*

    3. *Fin-nuqqas tawtorizza lill-intimat rikonvenzjonant biex jagħmel dawk ix-xogħolijiet rimedjali a spejjeż tal-attriċi rikonvenzjonata;*

    4. *Tikkundanna illi l-attriċi rikonvenzjonata biex tirrifondi lill-intimat rikonvenzjonant il-valur tal-oġġetti*

4. Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrenti nomine irrispondiet għal dak mitlub fil-kontro-talba billi:

    1. *Filwaqt illi huwa minnu illi l-intimat rikonvenzjonanti xtara diversi oġġetti mis-soċjeta' rikonvenzjata Homeline srl, huwa kontestat illi tali oġġetti mixtrija jirriżultaw mid-dokumenti eżebiti mill-istess intimat Dok. AF1 - Dok. AF3, AF6 u AF7 u dana peress illi hemm merkanzija varja oħra illi ġiet ordnata mill-istess intimat li mhix inkluża f'dawn l-istess dokumenti u dana kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

    2. *Illi d-dikjarazzjoni ta' l-intimat rikonvenzjonanti in kwantu għall-fatt illi wħud mix-xogħolijiet ma sarux skond is-sengħa u l-arti hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża - jingħad anzi illi kuntrarjament għal dak allegat, ix-xogħolijiet illi saru da parti tas-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata, li kienu xogħolijiet ta' ċertu kumplessita saru kollha skond is-sengħa u l-arti, u bi preċiżjoni kbira, tant illi l-istess intimat rikonvenzjonanti qatt ma ilmenta dwar l-istess xogħolijiet u huwa biss issa, għaliex rinfaċċjat b'kawża għall-ħlas illi qiegħed jallega illi hemm xi xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti biex jipprova jeħles milli jħallas dak minnu dovut lill-istess soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata.*

3. *Illi mingħajr pregudizzju għal dak sottomess aktar 'il fuq jingħad ukoll illi kien hemm xi ftit irqaqat, xogħolijiet rimedjali, illi s-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata, kemm il-darba kienet disposta illi tagħmel u kien hemm ukoll l-intervent ta' l-Avv. Ian Vella Galea f'dan is-sens, iżda nonostante diversi proposti illi għamlet l-istess soċjeta' lill-intimat, l-intimat irrifjuta kwalsiasi proposta u kien l-istess intimat illi impedixxa illi tintervjeni s-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonanti f'dan is-sens. Għaldaqstant l-inadempjenza da parti tas-soċjeta' rikorrenti kienet kaġun biss ta' l-intimat rikonvenzjonanti għaliex is-soċjeta' rikorrenti minn dejjem iddikjarat ruħha lesta biex tagħmel l-interventi neċessarji fuq l-irqaqat u l-ftit x-xogħolijiet rimedjali li kien għad fadal u kien l-intimat li baqa' jirrifjuta, u ta' dan m'għandhiex taħti s-soċjeta' rikorrenti.*

4. *Illi hija wkoll infondata d-dikjarazzjoni ta' l-istess intimat rikonvenzjonanti illi huwa ħallas lis-soċjeta' rikonvenzjonata l-ammont kollu minnu dovut a saldu — dak li tħallas mill-intimat rikonvenzjonanti huma biss akkonti tal-prezzijiet finali u għall kull akkont tal-prezzijiet finali, is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ħarġet il-fatturi relattivi, u dan kif jirriżulta mill-istess fatturi annessi mal-preżenti bħala Dok. SS3. L-istess akkonti ġew ukoll imniżżla fil-fatturi finali li ġew maħruġa f'Ottubru 2015, u mnaqqsa mis-somma totali fuq il-fatturi finali. Di piu mid-dokumentazzjoni eżebita mill-istess ntimat rikonvenzjonanti, huwa pależi illi kien għad fadal pendenzi x'jitħallsu lis-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonanti u l-ebda pagament ma sar a saldu mill-istess intimat.*

5. *Illi l-intimat għandu jindika x'inhuma l-oġġetti illi qiegħed jgħid li għadhom ma ġewx suppliti – f'dan il-kuntest jingħad illi għal dak li jirrigwarda parti mis-somma dovuta lis soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata, ossia s-somma ta' €7,020.00 għall-ordnjiet magħmula bejn Awwissu 2015 u Ottubru 2015, l-intimat irrifjuta illi jħallas għal dawn l-istess oġġetti ordnati, inkluż bl-intervent ta' l-Avv. Ian Vella Galea, għalhekk ma jistax l-intimat jippretendi li jiġi supplit b'ordni li qiegħed a priori jirrifjuta illi jħallas. Dana kollu fi żmien meta kien hemm diġa' pendenza ta' €41,936.46 x'jitħallsu minnu lis-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata;*

6. *Illi għalhekk t-talbiet ta' l-intimat rikonvenzjonanti fil-kontro-talba tiegħu huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk din il-Qorti għandha tgħaddi tiċħad l-istess talbiet fl-intier tagħhom.*

7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat rikonvenzjonanti li huwa minn issa nġunt in subizzjoni;*

**Provi:**

5. Rat ix-xhieda ta' **Maurizio Cavalieri** mogħtija fid-9 ta' Marzu 2017 (fol 52).

6. Rat ix-xhieda ta' Maurizio Cavalieri mogħtija fl-4 ta' April 2017 (fol 56).

7. Rat id-dokumenti annessi eżebiti max-xhieda ta' Maurizio Cavalieri fix-xhieda tal-4 ta' April 2017, ossija Dok MC1 sa Dok MC9 (fol 60 *et sequitur*).

8. Rat ix-xhieda ta' **Monica Zammit** mogħtija fit-23 ta' Mejju 2017 (fol 62).

9. Rat li fit-18 ta' Ottubru 2017, il-Qorti diversament ippreseduta laqgħet it-talba li l-partijiet ma jsibux oġġezzjoni li l-affidavits isiru bit-Taljan, jiġu ġuramentati quddiem Nutar Pubbliku f'Malta jew Kummissarju tal-Ġuramenti.

10. Rat in-nota tal-Avukat Dr. Sarah Sultana nomine ippreżentata fit-18 ta' Ottubru 2017, fejn ġew ippreżentati sebgħa pagamenti bankarji li saru mill-intimat Dottor Andre Farrugia lil Homeline Srl bejn it-22 ta' Settembru 2014 u t-30 ta' Settembru 2015 (fol 88).

11. Rat li fil-11 ta' Diċembru 2017, ġew ippreżentati tlett affidavits bil-lingwa Taljana ta' **Michele Bianco**, **Salvatore Zocco** u **Roberto Cavalieri** (fol 97).

12. Rat in-nota tal-Avukat Dr. Sarah Sultana nomine ippreżentata fit-22 ta' Frar 2018, fejn ġie ippreżentat l-affidavit ta' **Stefano Melillo** bil-lingwa Taljana (fol 107).

13. Rat id-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Stefano Melilli (fol 110 *et sequitur*).

14. Rat li fis-6 ta' Ġunju 2018 l-Avukat Dottor Sarah Sultana ippreżentat nota b'dokumenti (fol 124).

15. Rat li fis-6 ta' Ġunju 2018, l-Avukat Dottor Sarah Sultana nomine iddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

16. Rat in-nota tal-intimat **Nutar Dottor Andre` Farrugia** li permezz tagħha, ippreżentata fid-29 ta' Marzu 2019 dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu stess (fol 175).

17. Rat li n-Nutar Dottor Andre` Farrugia mad-dikjarazzjoni ġuramentata esebixxa serje ta' dokumenti Dok AF1 sa Af 29 (fol 180 *et sequitur*).

18. Semgħet ix-xhieda ta' Maurizio Cavalieri in kontro-eżami datata 19 ta' Novembru 2019 (fol 219).

19. Rat li fl-14 ta' Ottubru 2020 ġie ippreżentat affidavit ta' **Matthew Attard** (fol 246).

20. Semgħet ix-xhieda ta' Matthew Attard in kontro-eżami datata 23 ta' Frar 2021 (fol 252).

21. Rat li fix-xhieda ta' Matthew Attard in kontro-eżami datata 23 ta' Frar 2021 ġew eżebiti dokumenti SS1 sa SS6 (fol 297 *et sequitur*).

22. Semgħet ix-xhieda tan-Nutar Andre Farrugia in kontro-eżami datata 30 ta’ Novembru 2021 (fol 317).

23. Rat id-dokumenti ppreżentati Dok SS1 (fol 329).

24. Semgħet ix-xhieda tan-Nutar Andre Farrugia riprodotti in kontro-eżami fit-2 ta’ Marzu 2022 (fol 332).

25. Rat in-nota ta’ Maurizio Cavalieri pprezentatat fit-22 ta’ Ġunju 2022, li permezz tagħha iddikjara li qiegħed jassumi l-atti ta’ dawn il-proċeduri f’isem is-soċjeta’ tiegħu Homeline Srl (fol 345).

26. Rat li fit-23 ta’ Ġunju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

27. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjeta’ attriċi Homeline SRL ippreżentata fit-23 ta’ Ġunju 2022 (fol 347).

28. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia ippreżentata fil-5 ta’ Ottubru 2022 (fol 371).

**Fatti tal-każ**

29. Jirriżulta li l-intimat kien oriġinarjament ordna kċina mingħand Bluesky Furniture Limited, li kienet tordna, da parte tagħha, l-merkanzija mingħand is-soċjeta’ estera Homeline SRL. F’dan ir-rigward hemm il-fattura Dok SS1 (fol 297 sa 307) li juru xiri u bejgħ bejn dawn iż-żewġ entitajiet.

30. Jirriżulta, li referibbilment għall-kċina, l-intimat ħallas l-ammont li jidher f’Dok SS2 sa SS4, fol 308 sa 310. Iżda l-fornitura tal-kċina mhijiex mertu ta’ din il-proċedura.

31. Jirriżulta, li is-soċjeta’ rikorrenti Homeline SRL għamlet ftehim mal-intimat biex tarredalu l-villa tiegħu ġewwa l-Madliena, liema appalt kien ta’ ċirka € 200,000, kif referut fil-korrispondenza Dok SS11 fol 136.

32. Jirriżulta li dan il-kuntratt tax-xogħolijiet kien intbagħat permezz ta’ email eżebit Dok MC1 fol 60-61. Dan il-kuntratt jelenka l-modalita` tal-pagament, u li l-prezzijiet tax-xogħolijiet ma jinkludux VAT. Ġie indikat ukoll, li l-ħlas kellu jsir 40% mal-iffirmar tal-kuntratt, it-tieni ħlas ta’ 40% mal-avviż li ser isir il-konsenja u l-bqija tal-ħlas ta’ 20% wara li jsiru l-muntaġġi.

33. Jirriżulta mid-dokumenti u provi in atti, li l-fattura numru 27/15 fol 71 biss inħarġet mingħajr VAT minħabba li l-parquet kien intuża f’uffiċċju u mhux fir-residenza tal-intimat. Il-parquet kien indikat bħala parti mil-lista ta’ xogħolijiet fil-kuntratt oriġinali Dok MC1 fol 60 u 61 tal-proċess.

34. Jirriżulta li is-soċjeta' rikorrenti bagħtet l-ewwel fattura għall-pagament akkont ta' € 20,000 għall-parquet (fol 39). Fil-fatt, din is-somma tħallset mill-intimat f'żewġ partijiet fis-somma ta' € 14,000 li tħallset fit-22 ta' Settembru 2014 (fol 89) u s-somma ta' € 6,000 li tħallset fil-5 ta' Diċembru 2014 (fol 90).

35. Jirriżulta wkoll li wara l-kuntratt oriġinali ta' Settembru 2014, saru diversi ordnijiet ta' viti għall-kamra tal-banju Dok MC2 (fol 62-68).

36. Jirriżulta sussegwentement li saret ordni oħra f'Marzu 2015 fl-uffiċċju tan-Nutar Dok MC3 fol 67-70, ordni li telenka prodotti u prezzijiet iżda mhux modalita` ta' pagamenti.

37. Jirriżulta li kien hemm merkanzija oħra ordnata f'Lulju, Awissu u Settembru 2015, Dok MC6 a fol 77, Dok MC7 fol 80 u Dok MC9 fol 85. L-ordni ta' Dok MC7 kienet ta' persjana li fuqha inqala' diżgwid bejn il-partijiet, u li għadha ma ġietx imħallsa kif jidher mill-korrispondenza b'email eżebita fol 159 sa 166.

38. Jirriżulta li matul l-andament tax-xogħol, is-soċjeta' rikorrenti bagħtet total ta' sitt fatturi għas-somma totali ta' € 161,000 eżebiti Dok SS3, fol 39 sa 44. Dawn il-fatturi Dok SS3 kollha ġew rikonoxxuti mill-intimat u kopja tal-pagamenti jinsabu eżebiti fol 89 sa 95 tal-proċess.

39. Jirriżulta li l-fatturi finali li ntbagħtu huma l-fatturi 27/15, 28/15, 29/15, 30/15, 31/15 u 32/15 (fol 7 sa 12), u minbarra dan hemm ukoll fattura finali numru 33/15 fol 13-14 fl-ammont ta' € 30,399.96.

**Ikkunsidrat**

40. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti nomine qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob li jiġi dikjarat li l-intimat Nutar Andre` Farrugia huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti Homeline Srl fis-somma ta' €48,956.46 rappreżentanti bilanċ dovut għall-merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess intimat.

41. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat irrespinġga il-pretensjonijiet tar-rikorrenti nomine billi eċċepixxa li x-xogħolijiet interkorsi mir-rikorrent huma kollha imħallsa nonostante li mhux kollha eżegwiti skont is-sengħa u l-arti. Inoltre`, ġie eċċepit li l-prezzijiet mogħtija mill-fornitur rikorrenti kellhom jinkludu fihom il-VAT u mhux jiżdied il-VAT oltre` l-prezz ta' dak miftiehem. Ġie sostnut li jirriżulta mid-dokumenti AF4 u AF5 li l-pagamenti saru a saldo. L-intimat sostna wkoll, li ma ġiex fornit lilu kollox mir-rikorrent, u minkejja li mħallsa, fadal oġġetti li baqgħu ma ġewx konsenjati u mwaħħla. L-intimat ippreżenta wkoll kontro-talba fejn sostna li l-oġġetti fornuti lilu fil-maġġor parti tagħhom ma ġewx imwaħħla skont is-sengħa u l-arti, u l-intimat interpella lir-rikorrent sabiex jikkonsenjalu l-ħwejjeġ mhux suppliti. Għalhekk, fit-talba rikonvenzjonali, qed jintalab li jiġi dikjarat li r-rikorrenti rikonvenzjonati wettqu xogħolijiet mhux skont is-sengħa u l-arti, u qed jintalab li jiġu ordnati jeżegwixxu x-xogħolijiet u jissupplixxu kull m'għandu jiġi supplit skont is-sengħa u l-arti lill-intimat

rikonvenzjonant, u biex fin-nuqqas tawtorizza lill-intimat jagħmel ix-xogħolijiet rimedjali a spejjeż tar-rikorrenti nomine.

42. Fir-risposta għall-kontro-talba, ġie sotnut, li għalkemm l-intimat xtara diversi oġġetti minn Homeline Srl huwa ikkontestat li tali oġġetti mixtrija jirriżultaw mid-dokumenti Dok AF1, AF3, AF6, u AF7, peress li hemm merkanzija varja oħra li ġiet ordnata. Inoltre`, ġie sostnut ukoll, li l-allegazzjoni li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti hija infondata. Di piu`, ingħad, li kien hemm xogħol rimedjali w irqaqat li s-soċjeta' rikorrenti kienet lesta twettaq u kien hemm anke l-intervent tal-avukat Dr. Ian Vella Galea f'dan ir-rigward, iżda minkejja dan, l-intimat baqa' jirrifjuta kwalsiasi proposta. Ġie sostnut ukoll, li hija infondata d-dikjarazzjoni tal-intimat li huwa ħallas il-ħlasijiet kollha a saldu. Għalhekk, qed jingħad, li l-intimat irrifjuta li jħallas pendenzi ta' €41,936.46 u kif ukoll ammont ta' oġġetti suppliti € 7,020.

## Konsiderazzjonijiet

43. Ir-rikorrenti nomine, permezz tal-proċedura odjerna, qed tisħaq li l-intimat Andre Farrugia għad għandu jħallas l-ammont ta' € 48,956.46 rappreżentanti l-bilanċ ta' merkanzija ordnata mingħand is-soċjeta' estera Homeline Srl. Konsegwentement, qed jintalab li l-intimat iħallas dan l-ammont.

44. Mill-banda l-oħra, l-intimat, fir-risposta u kif ukoll fil-kontro-talba jinnega dan, anzi isostni li ħallas kollox a saldu u li kienet is-soċjeta' rikorrenti li naqset billi ma wettqitx ix-xogħolijiet kollha ordnati skont is-sengħa u l-arti. Di piu`, l-intimat issolleva wkoll il-kwistjoni tal-VAT fejn ġie sostnut li fil-liġi, il-prezz li jingħata mill-fornitur għandu jinkludi fih il-VAT u mhux kif qed jippretendi r-rikorrenti nomine li jiżdied il-VAT oltre l-prezz.

## Il-mertu tal-kontro-talba

45. Il-Qorti tqis illi jkun aktar opportun illi tiġi kkunsidrata t-talba kif magħmula fil-kontro talba qabel ma tgħaddi għat-talba per se.

46. Il-mertu tal-kontro-talba jikkonċerna prinċiplament l-ilment tal-intimat rikonvenzjonant li ilmenta mill-oġġetti fornuti li fil-maġġor parti tagħhom ġew montati fil-fond in kwistjoni, uħud minnhom mhux skont is-sengħa u l-arti. Fost oħrajn jissemma' għoxrin metru parquet mhux utilizzat, żewġ blinds ta' gazebo, difetti fil-gazebo, persjani miksura, hinges fil-persjani, xkafef neqsin fil-gwardarobba u fil-walk in wardrobe, kummissjoni ta' blinds interni, difetti fid-decking, tqegħid ta' injam inferjuri minn dak miftiehem fid-decking u differenti minn ieħor imqiegħed fl-istess żona, serratura nieqsa f'bieb intern u siġġijiet esterni miksura.

47. Jirriżulta, evidentement mill-provi in atti, li kien sar ftehim ta' appalt bejn il-kontendenti, liema ftehim oriġinali jinsab eżebit bħala Dok MC1 fol 60 sa 61 tal-proċess, li juri dak oriġinarjament ordnat mill-intimat. Sussegwentement, l-intimat in-Nutar Farrugia baqa'

jordna l-merkanzija mingħand Homeline Srl, b'hekk żdiedet il-lista ta' merkanzija u xogħol ordnat.

48. Dwar l-obbligi tal-appaltatur il-ġurisprudenza nostrana, taqbel li l-appaltatur mhux biss għandu jeżegwixxi x-xogħol mertu tal-appalt, iżda għandu jassikura wkoll li dak ix-xogħol ikun jiswa kemm għal dak li hija bonta` kif ukoll għal dak li hija adattabilita` għall-użu li għalih l-appaltant ikun għamel l-ordni. Għalhekk, jekk hu jagħmel ix-xogħol ħażin, lanqas ma huwa eskluż mir-responsabbilta` minħabba li huwa jkun qagħad għal dak li ried il-kommittent (Kollez. Vol. XL PI p485). Jinkombi fuqu b'dover 'di resisteread ordine che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte (Kollez. Vol. XXV PI p727). (Ara **Joe u Antonella Xerri vs Caruana & Cini Company Limited** (185/1999/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012.

49. Ukoll fis-sentenza **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana** (534/1993) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru 2003, saret referenza għall-każ Mallia vs Fonk deċiża fl-24 ta' Jannar 1975, fejn ingħad:

> *"L-imprenditur hu tenut jeżegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma 'bene e a regola d'arte secondo i patti stabbiliti', u fejn ma hemmx patti espresso, l-eżekuzzjoni għandha ssir skont l-intenzjoni tal-partijiet li żgur li ma kinitx li kellu jingħata xogħol ħażin."*

50. Jiġi osservat, li minkejja li l-intimat jelenka din il-lista, fl-affidavit tiegħu, jitkellem speċifikatament dwar il-gazebo li tħallset fl-ammont ta'€ 24,000 u li ma tiffunzjonax sew. Iżda, ma jixhedx u ma jressaqx provi ulterjuri dwar l-oġġetti l-oħra imsemmija fil-lista kif indikata fl-istess kontro-talba.

51. Inoltre`, anke rigward dak indikat dwar il-gazebo, ma tressqitx prova dwar kif mhijiex tiffunzjona sew. Jiġi nnutat li ma ġewx eżebiti ritratti u provi oħra in sostenn għall-allegazzjonijiet li x-xogħolijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

52. Dwar l-ilmenti l-oħra indikati fosthom aperturi tal-injam li twaħħlu ħażin u decking fil-ġnien li sar ħażin, l-istess ftit li xejn tressqet prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti dwar dan. L-intimat rikonvenzjonat jikkampa sempliċiment fuq ix-xhieda ta' Matthew Attard li kien Project Manager inkarigat dak iż-żmien mix-xogħolijiet. Madankollu, meta Matthew Attard ġie mistoqsi jekk ħax ritratti ta' dawn ix-xogħolijiet li allegatament saru ħażin, qal li ma ħax ritratti – jekk kienu daqstant ħażin tali xogħolijiet, għaliex ma ħadu ebda ritratti in sostenn ta' dan?

53. Huwa paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza li min jallega jrid jipprova. Għalhekk, il-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol XXXVII-I-578).

54. Għaldaqstant, fil-karenza ta' prova neċessarja li tikkorobora dak sostnut mill-intimat f'dan ir-rigward, din il-Qorti ser tiskarta dak sostnut mill-intimat rikonvenzjonant, li x-xogħolijiet indikati ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

55. Għalhekk, din il-Qorti tiċħad it-talbiet tal-kontro-talba tal-intimat rikonvenzjonant f'dan ir-rigward, peress illi mhux ippruvati.

**Il-mertu tat-talbiet dedotti fir-rikors promotur**

56. Jirriżulta kemm fil-provi u fis-sottomissjonijiet, li hemm kontestazzjoni prinċipali bejn il-kontendenti dwar il-VAT.

57. Ir-rikorrenti nomine issostni li l-arredament kien għal ġewwa residenza tal-intimat fil-Madliena għalhekk il-VAT kellha tiġi imposta fuq il-prodotti mibjugħa, kif ikkonferma ix-xhud Stefano Mellilo fl-affidavit tiegħu a fol 108 tal-proċess. Ir-rikorrenti nomine tissottolinea li l-unika eċċezzjoni rigward l-ammont ta' VAT huwa biss fuq il-metri ta' parquet suppliti stante li dawk twaħħlu f'uffiċċju u mhux f'residenza. Ġie indikat li dan jidher minn Dok AF 28 eżebit a fol 214 tal-proċess

58. Jidher illi l-ammont ta € 41,936.46, kif mitlub, huwa rappreżentanti VAT.

59. Minn naħa l-oħra, l-intimat in-Nutar Andre Farrugia, issottometta referibbilment għall-VAT għandha tapplika l-liġi Maltija, ossija l-Artikolu 49 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406) ad esklużjoni tal-liġi Taljana. L-intimat jirreferi għall-artikolu tal-liġi fosthom l-artikolu 49(2) fejn jingħad li jekk l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas ma jkunx identifikat, il-preżunzjoni fil-liġi hija li l-ħlas jinkudi it-taxxa.

60. F'dan il-kuntest, tajjeb jiġi ċitat l-artikolu 49 tal-Kap 406 li jaqra hekk:

> *"49(1) meta persuna reġistrata tindika l-prezz ta' oġġetti offerti għall-bejgħ bl-imnut, dak il-prezz għandu jiġi indikat b'mod li jkun jinkludi t-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att, jekk ikun hemm, dwar il-provvista tal-oġġetti imsemmija.*
>
> *(2) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għall-provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.*
>
> *(3) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fil-prezz imħallas għall-provvista fuq fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, dak il-prezz għandu jitqies li ma jkunx jinkludi it-taxxa.*

61. Il-Qorti hawn tosserva illi l-punt tat-tluq fil-liġi tagħna huwa ippernjat fuq il-fatt, fis-subinċiż tnejn u tlieta tal-artikolu 49, huwa preżunt li fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas ma jkunx attwalment identifikat fil-ħlas jew prezz, għalhekk għandu jitqies li tali prezz jew ħlas ikun jinkludi it-taxxa.

62. Fil-każ odjern, l-ewwel subinċiż m'huwiex applikabbli ghax jitratta bejgħ bl-imnut.

63. Japplikaw, madanakollu, it-tieni subinċiż, anke għaliex fil-proċedura odjerna ħarġu diversi fatturi, u kif indikat fil-liġi, prezz imħallas fuq fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra.

64. Għalhekk, fid-dawl ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, ladarba ma ġiex indikat b'mod ċar li l-ammonti dovuti jeskludu t-taxxa, u ladarba x-xogħolijiet ġew eżegwiti f'Malta, u għandu japplika l-artikolu 49(2) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra tqis li l-ammonti indikati fil-fatturi tas-soċjeta' rikorrenti jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud. (Ara f'dan is-sens, **Ramco Limited vs Emanel Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April 2018; **Omar Ellul et vs PKR's Construction Company Limited** (1094/2021) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-29 ta' April 2022; **Semago Trading Compnay Limited vs the Stork Enterprises Company Limited et** (482/2012) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2015).

65. Għalhekk, fid-dawl tas-suespost, tilqa' t-tielet eċċezzjoni u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimat Nutar Andre Farrugia fir-risposta tiegħu, u tiddikjara li l-prezzijiet indikati fil-fatturi mibgħuta mis-soċjeta' rikorrenti kienu jinkludu fihom il-VAT u mhux jiżdied il-VAT oltre` l-prezz.

66. Dan għalhekk ifisser illi kwalsiasi somma illi r-rikorrenti nomine qed titlob il-ħlas lura bħala VAT dovut, ma humiex attwalment dovuti.

**Talbiet tar-rikorrent nomine għall-ammont ta' € 48,956.46**

67. Jingħad fl-ewwel lok, li hemm qbil bejn il-partijiet, li l-appalt oriġinali kien jammonta għal prezz totali ta' merkanzija u prodotti fl-ammont ta' € 201,000. Jinsab inkontestat, li minn dan l-ammont l-intimat ħallas l-ammont ta' € 161,000 f'bank transfers. li jidhru f'Dok AF 1 sa AF 7 eżebiti fol 26 *et sequitur* mar-risposta tal-intimat.

68. L-intimati jikkontendi illi, bil-pagamenti kollha illi huwa għamel, kien ħallas lir-rikorrenti nomine għax-xoghol kollu illi kien sar.

69. Minn naħa l-oħra ir-rikorrent nomine qed jippretendi li jitħallas l-ammont mitlub fir-rikors promotur abbażi tad-dokumenti eżebiti mal-istess rikors, ossija Dok SS2 fol 7 *et sequitur*. Inoltre`, ir-rikorent nomine semma' wkoll episodji ta' żewġ ċekkijiet li l-intimat sostna li bagħat lil terzi. Di piu`, ir-rikorrent nominee qed jissottometti wkoll li għandu jitħallas l-ammont ta' € 7,020 rappreżentanti xogħol li ġie konsenjat lill-intimat u baqa' ma tħallasx.

70. Għalhekk, din il-Qorti, ser tasal issa biex tikkunsidra dawn il-punti u tistħarreġ dak mitlub, sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx ammonti dovuti mill-intimat jew le.

71. Din il-Qorti tirreferi għad-dokumenti eżebiti Dok SS17 u SS18 fol 167 u 169 tal-proċess. Fid-dokument SS18, jidher rendikont dettaljat ta' kollox fl-ammont ta' € 41,936.46 u € 7,019.88 (fol 171) rispettivament. Jidher ukoll inkluż l-ammont tal-VAT fi 22% f'żewġ ammonti, fl-ammont indikat ta' € 32,943.46 u ta' € 1265.88.

72. Din il-Qorti hawnhekk tirrileva illi, b'referenza għal dak stabbilit u deċiż aktar 'il fuq rigward il-pretensjonijiet tal-VAT da parti tar-rikorrent nomine, dawn ma għandhomx jitqiesu bħala dovuti għaliex, kif stabbilit ai termini tal-artikolu 49(2) tal-Kap 406, il-prezzijiet fil-fatturi għandhom jinkudu wkoll il-VAT.

73. Għalhekk, dawn l-ammonti rappreżentanti l-VAT f'Dok SS18, ċertament mhumiex dovuti.

74. Fit-tieni lok, ser jiġi trattat il-punt dwar il-pretensjoni da parti tar-rikorrent nomine għall-ammont ta' € 7,019.88. Ir-rikorrent nomine qed isostni li kkonsenja x-xogħol u l-intimat Nutar baqa' inadempjenti u ma ħallasx.

75. Jirriżulta li l-merkanzija u x-xogħol rappreżentanti dan l-ammont kien ferm ikkontestat bejn il-partijiet. Fil-fatt, xhieda ta' dan hemm il-korrispendenza b'emails li għaddiet bejn il-partijiet bl-intervent ukoll ta' Dr. Ian Vella Galea. Dawn l-iskambju ta' emails jinsabu eżebiti Dok SS 14, fol 152 *et sequitur* u Dok SS 15 fol 159 sa 166 tal-proċess.

76. Indubbjament, jidher li kien hemm nuqqas ta' ftehim dwar dan ix-xogħol u dwar il-konsenja tax-xogħol rappreżentanti dan l-ammont pretiż ta' € 7,019.88. Madankollu, mill-korrispondenza u minn dak mitkub fl-iskambju ta' emails, ma jidhirx li s-soċjeta' Homeline kienet ikkonsenjat u ssuppliet lill-intimat b'dawn l-aħħar oġġetti tal-aħħar konsenja. Fil-fatt, jidher anke ammess, li ma saritx il-konsenja in toto. F'paġna 159, qed jingħad espliċitament, li qed jintalab il-pagament ta' €7,000 '*is paid before the said items are delivered and installed*'. Hekk jingħad fl-email mibgħuta lill-intimat.

77. Għaldaqstant, ladarba jirriżulta suffiċjentement ippruvat mill-atti, li l-konsenja mhijiex għand l-intimat, il-flus pretiżi mir-rikorrent nomine fl-ammont ta' € 7,019.88 mhumiex dovuti.

78. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqis li ma tistax tintlaqa' it-talba għall-ħlas fl-ammont ta' € 7019.88 għall-materjal li għadu mhuwiex supplit fl-intjier tiegħu.

79. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra il-kwistjoni taċ-ċekkijiet, li l-intimat Nutar jgħid li ħareġ f'isem terzi, li kellhom jitħallsu lil Maurizio Cavalieri. L-intimat sostna, fix-xhieda tiegħu li huwa ħareġ żewġ ċekkijiet li jidhru eżebiti AF 20 u AF 23 fol 204 u 207 tal-proċess fuq rikjesta ta' Cavalieri stess, għan-nom ta' terzi. Dawn iċ-ċekkijiet fl-ammont ta' € 8,000 kull wieħed jidhru indirizzati lil Western Union Business Solutions Limited u lil FincoTreasury Management Limited – total ta' €16,000.

80. L-intimat sostna w issottometta li dawna l-ammonti, li kienu s-somma rimanenti dovuta minnu, tħallset lir-rikorrent permezz ta' ċekkijiet indirizzati lil terzi fuq direzzjoni tal-istess Maurizio Cavalieri, kif *del resto* jidher fiċ-ċekkijiet indirizzati lil Western Union Business Solutions Limited u lil Finco Treasury Management Limited.

81. Fix-xhieda tiegħu, Maurizio Cavalieri sostna li dawn iċ-ċekkijiet u l-ammonti hemm indikati qatt ma ġew riċevuti minnu, u fil-fatt ċaħad li rċieva dan il-ħlas.

82. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, ghalkemm l-intimat jikkontendi illi dawna ż-żewġt pagamenti, wieħed li sar fit-2 ta' Frar 2015, u ieħor illi sar fit-8 ta' Novembru 2015, it-tnejn ta' €8,000 kull wieħed, saru lil terzi fuq istruzzjonijiet ta' Cavalieri stess, kienet tkun sempliċi ħafna illi tinkiteb karta biex tikkonferma kif saru dawna l-ħlasijiet – wara kollox, fejn jirrigwarda l-pagament li sar lil terz ieħor, ossija Matthew Attard, fid-19 ta' Marzu 2015 (fol 205), jidher illi saret skrittura f'dan is-sens (fol 208).

83. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tifhem għaliex tali tip ta' skrittura, bħala riċevuta ta' ħlas ta' somma flus inġenti, ma saret qatt, u tasal biex għalhekk tikkonkludi illi dawna ma kinux pagamenti li saru a benefiċċju ta' Maurizio Cavalieri, a differenza ta' dak illi qiegħed jikkontendi l-intimat.

84. Għalhekk, fil-karenza ta' kitba iffirmata bejn il-partijiet f'dan il-każ li l-intimat Nutar kellu jħallas lil Western Union u lil Finco Treasury Management Limited sabiex jitħallas Maurizio Cavalieri, din il-Qorti ma tistax tqis li Maurizio Cavalieri tħallas nonostante l-fatt li l-intimat ħareġ dawn iż-żewġ ċekkijiet fl-ammont ta' € 8,000 kull wieħed, għaliex l-ammonti fiċ-ċekkijiet mhumiex indirizzati lil Cavalieri.

85. Il-Qorti tosseva li kien jinkombi fuq l-intimat li jipprova li dawn l-ammonti huma intiżi biex jitħallas Maurizio Cavalieri għan-nom tas-soċjeta' Homeline Srl. Din il-prova ma teżistix. Għalhekk, fil-karenza tal-prova neċessarja, ma jistax jitqies li dawn l-ammonti għaddew u tħallsu lil Maurizio Cavalieri.

86. Jidher illi l-intimat, fil-konteġġi tiegħu, li biha qiegħed jikkontendi li ma għandu ebda pagament ieħor dovut, inkluda wkoll dawna ż-żewġt ċekkijiet illi, madanakollu, ma nġiebet ebda prova illi turi li tali pagamenti kienu ghas-soċjeta' rikorrenti.

87. Għalhekk, in vista ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti ser tilqa' limitatament it-talba tar-rikorrent nomine, u dana referibbilment biss għall-ammonti indikati fiż-żewġ ċekkijiet hawn fuq imsemmija, ossija fl-ammont ta' € 8,000 f'kull ċekk kif indirizzat lil terzi, ossija total ta' €16,000, liema somma ma tidhirx li tħallset lis-soċjeta' rikorrenti.

88. Konsegwentement, għar-raġunijiet kollha hawn fuq spjegati, din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrent nomine limitatament għal l-ammont ta' € 16,000.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ppreżentati quddiemha;

Wara li rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent nomine u ta' l-intimat Nutar Andre Farrugia;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**<u>Dwar it-talba konvenzjonali</u>**

**Tilqa'** it-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimat Nutar dwar il-VAT.

**Tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet.

**Tilqa'** it-talbiet tar-rikorrent nomine limitatament kif ġej:

**Tilqa' l-Ewwel Talba** u **Tiddikjara** li l-intimat Nutar Andre Farrugia huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti estera Homeline Srl fis-somma ta' **<u>sittax-il elf Ewro (€ 16,000)</u>** rappreżentanti bilanċ dovut għall-merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess intimat.

**Tilqa' t-Tieni Talba** tar-rikorrenti u konsegwentement **Tikkundanna u Tordna** lill-istess intimat sabiex, fi żmien xahar mil-lum, jħallas lis-soċjeta' Homeline Srl l-ammont ta' **sittax-il elf Ewro (€ 16,000)** rappreżentanti bilanċ dovut għall-merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess intimat mingħand is-soċjeta' rikorrenti.

**<u>Dwar it-talba Rikonvenzjonali</u>**

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti nomine, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Imgħax** huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna kollha għandhom ikunu a kariku tal-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur